# KIF IGĦAJTU L-BEJJIEGĦA

"L-għajta nofs il-bejgħ" jgħid il-Malti. U ħekk hu. Il-bejjiegħa maltin jafu b'dan u għalhekk waqt il-bejgħ tismagħhom igħajtu, u issa għaddejjin minn mat-triqat wara biebek, issa b'leħenhom irqiq werżieqi f'xi festa, issa fis-swieq tal-ibliet igħollu leħinhom fuq dak il-għagħa u l-ħamba tan-nies kollha. U għalhekk ħsibt u rajt li nagħmel ġabra u nuri kif igħajtu l-bejjiegħa b'din jew dik il-ħaġa. Ma rridx ngħid li ma ħallejtx barra, jew li xi wħud minn dawk li niżżilt m'humiex mejta llum (għalkemm għad hawn min jiftakarhom) imma għallinqas naħseb li nagħti hjiel tajjeb ta' dil-ħaġa, li mhux kulħadd jagħti kasha, għalkemm kulħadd jaraha u jismagħha f'kull jum.

*Iċ-ċirasa* : Ejja għall-Alma Rena ! Ċirasa sewda.
(Hawn taqbila ħafifa li tgħid hekk : Iċ-ċirasa kastanjola jgħajtu biha l-Almarena.)

*Il-berquq :* Ta' Mejju saret.

*It-tadam* : Aħmar it-tadam. Minn hu għat-tadam. Jiżbogħlok il-borma t-tadam. Għargħuri t-tadam.

*Piżelli* : Rabtija l-piżelli.

*Larinġ* : Ta' Ħal-Lija ħelu u fin.

*Brinġiel* : Għall-ħajjata l-iswed (għax fi żmien il-brinġiel il-ħajjata ma jkollhomx xogħol wisq; biex jiġifieri qiesu żmien il-vistu għal ħajjata.)

*Lanġas:* Tira butira l-lanġas. (Ejja) Agħżel l-isfar.

*Tût*: Żabbarija t-tut. Baqagħlu kejla tut.

*Ċawsli* : Ċawsli ħelwa.

*Ħawħ u lanċiprisk*: Anċiprisk u ħawħ (Isiru flimkien.)

*Bajtar ta' San Ġwann*: Ta' l-Imnarja l-bajtar. Fommu bil-għasel il-bajtar

*Bajtar tax-xewk*: Tax-xitel il-bajtar.

*Lumi*: Min jagħsar il-lumi. Ta' Malta l-lumi.

*Ravanell* : Kemm hu tari r-ravanell.

*Dolliegħ* : Id-dolliegħ għall-baħar. (Għax id-dolliegħ jibda' żmien il-baħar u n-nies kienu jieħdu dolliegħa meta kienu jmorru l-baħar.)

*Rummien* : Ejja għar-rummien ħelu.

*Pastard*: Ejja għal fjuri bojod.

*Kabocci* : Iebsa l-kaboċċi.

*Qara' bagħli*: Aqli l-bagħli flok il-ħut
*Qara' twil*: Żagarelli l-qara' twil.
*Għajnbaqar*: Għajn il-baqra saret.
*Għajnbaqar (abjad)*: Pruna bajda.
*Basal*: Għat-togħlija l-basal.
*Ħjar*: Ejja għax kiber, ej. Kiber l-aħdar.
*Żebbuġ*: Għandna l-aħdar u l-iswed. Ifuħ u tajjeb.
*Melħ*: Hawn tal-melħ. Melħ abjad.
*Tjur, tiġieġ u fniek*: X'sa tbegħli (meta jkun se jixtri hu stess) Min jixtri. (Wara s-suq il-Belt.)
*Pastizzi*: Ġobon u laħam. Sħan u tajbin.
*Qubbajt*: Bil-lewża. Bil-lewża ħej.
*Bigilla*: Ejja, tajba l-lejla.
*Lampuki*: Ħajjin. Kibru l-ħajjin.
*Sawrell u Kavalli*: Għax-xiwi. Min jixwi?
*Makku*: Għall-ftira l-makku. Ara makku mill-fin.
*Xilpa*: Tarija x-xilpa l-lum. Tajba wisq.
*Klamari*: Il-klamari, sinjuri.
*Mazzola*: Mazzola, Mazzola.
*Brimba*: Kemm hu tari l-brimb. Tajba l-brimba, ħabib.
*Qarnita*: Qarnita tajba. Għall-istuffat.
*Tonn*: Tal-Mellieħa t-tonn. Għajnu ħamra t-tonn.
*Ħalib*: Ħalib. Dari meta kien ikun vġili u fir-Randan kienu jgħajtu bil-ħalib hekk: "Ta' l-abjad".
*Tewm*: Ejja għat-tewm oħxon.
*Ilma*: (Dari) Minn hu bil-għatx. Ilma bis-silġ. Bis-silġ.
*Ġilat*: Għandu l-ġilati u luminati. (Il-lum aktarx tisma' wkoll "Wembley's Ice Cream. Penny each.")
*Laħam*: (Meta jġibuh wara s-Suq biex ibigħuh lill-biċċiera tas-suq) Min jixtri żewġt irbiegħ! Ara kemm hu tajjeb! In-nagħġa min jeħodha! Tal-għabura min hu xerrej!
*Tewm, Tursin u Budlieqa*: Għandu t-tewm u t-tursin tari u l-budlieqa għall-kanali!

Ġ. Cassar Pullicino